

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1206****tat-23 ta' Lulju 2015**

**li jtemm il-proċediment antisussidji rigward l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' stainless steel irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1331/2014 li jissottometti l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' stainless steel irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan għal reġistrazzjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku antisussidji"), u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 24 tiegħu,

Billi:

**1. PROĊEDURA****1.1. Bidu**

- (1) Fl-14 ta' Awwissu 2014 il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(2)</sup> ("in-Notifika ta' bidu"), il-bidu ta' proċediment antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti ta' stainless steel irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-proċediment antisussidji").
- (2) Il-proċediment antisussidji nbeda wara lment imressaq fl-1 ta' Lulju 2014 minn Eurofer ("l-ilmentatur") fisem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw iktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni prodotti ta' stainless steel irrumblati ċatti fil-kiesaħ.
- (3) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* ta' sussidjar ta' dan il-prodott u ta' dannu materjali li jirriżulta minnu, li kienet ikkunsidrata biżżejjed biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' proċediment.
- (4) Il-Kummissjoni uffiċjalment għarrfet lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufin oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufin fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ"), lill-awtoritajiet tar-RPĊ, lill-importaturi, lill-fornituri u lill-utenti, u lin-negozjanti magħrufin, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet li kienet taf li huma kkonċernati, dwar il-bidu taż-żewġ investigazzjonijiet u stednithom jieħdu sehem. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fin-Notifika ta' bidu.

**1.2. Il-proċediment parallel tal-antidumping**

- (5) Fis-26 ta' Ġunju 2014 il-Kummissjoni ħabbret permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(3)</sup> it-tnejja tal-proċediment antidumping li jikkonċerna importazzjonijiet ta' prodotti tal-metall mgħattan mingħajr tisħin ffuljetti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 <sup>(4)</sup> (ir-Regolament bażiku antidumping).
- (6) Fl-24 ta' Marzu 2015 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/501 <sup>(5)</sup> li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-metall mgħattan mingħajr tisħin ffuljetti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan. L-investigazzjoni għadha għaddejjja.

<sup>(1)</sup> ĠUL 188, 18.7.2009, p. 93.

<sup>(2)</sup> ĠU C 267, 14.8.2014, p. 17.

<sup>(3)</sup> ĠU C 196, 26.6.2014, p. 9.

<sup>(4)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

<sup>(5)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/501 tal-24 ta' Marzu 2015 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-metall mgħattan mingħajr tisħin ffuljetti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU L 79, 25.3.2015, p. 23).

### 1.3. Ir-Reġistrazzjoni

- (7) Wara talba mill-ilmentatur sostnuta bl-evidenza meħtieġa, fil-15 ta' Diċembru 2014 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1331/2014 <sup>(1)</sup> li jissottometti l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' stainless steel irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan għal reġistrazzjoni mis-17 ta' Diċembru 2014.
- (8) Ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għall-finijiet tal-investigazzjoni parallela fuq l-antidumping intemmet mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/501. Ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għall-għan tal-proċediment antisussidji kompli.

### 2. L-IRTIRAR TAL-ILMENT U T-TWAQQIF TAL-PROĊEDIMENT

- (9) Permezz ta' ittra tat-11 ta' Mejju 2015 indirizzata lill-Kummissjoni, l-ilmentatur formalment irtira l-ilment tiegħu.
- (10) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku antisussidji, meta l-ilmentatur jirtira l-ilment tiegħu, il-proċediment jista' jintemm sakemm tali tmiem ma jkunx kontra l-interess tal-Unjoni.
- (11) Il-Kummissjoni qieset li l-proċediment antisussidji attwali għandu jintemm peress li l-investigazzjoni rispettiva ma sabet ebda konsiderazzjonijiet li juru li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkomentaw. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kummenti li setgħu iwasslu għall-konklużjoni li tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.
- (12) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċediment antisussidji li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjonita' prodotti ta' stainless steel irrumblati ċatti fil-kiesaħ, li joriġina fir-RPĊ għandu jintemm mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri,

### 3. IT-TĦASSIR TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) Nru 1331/2014

- (13) Fid-dawl ta' dan li hawn fuq, ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għall-finijiet tal-investigazzjoni antisussidji skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku antisussidji għandha tieqaf hawn. Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1331/2014 għandu jitħassar.
- (14) Dan ir-Regolament huwa konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Il-proċediment antisussidji li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti ta' stainless steel irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81 u 7220 20 89 huwa b'dan mitmum.

#### Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1331/2014 li jissottometti l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' stainless steel irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan għal reġistrazzjoni huwa b'dan imħassar.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1331/2014 tal-15 ta' Diċembru 2014 li jissottometti l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' stainless steel irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan għal reġistrazzjoni (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 90).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, i-23 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---